**2 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Maria Camilleri

*versus*

Duminku Attard

**Depożitu – Depożitarju**

*L-attriċi fittxet għaliex fdat biċċiet ta' antikità f'idejn il-konvenut u dawn ma nstabux iżjed.*

*Id-depożitarju għandu l-obbligu li juża' l-istess diliġenza fil-kustodja ta' l-oġġett f'idejh depositat daqs li kieku kien qed jikkostodixxi ħwejġu stess. F'każ ta' depożitu gratuwitu r-responsabbilità hija tal-grad tal-"bonus paterfamilias", u mhux responsabbli għal "culpa levissima".*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-1 ta' Settembru, 1982, li bih l-attriċi wara li ppremettiet illi hi kienet iddepożitat f'idejn il-konvenut żewġ xogħlijiet antiki tal-lewlu biex bint il-konvenut Anna Attard tagħmilhom fi gwarniċ u li l-konvenut naqas li jagħti l-bintu jew li jirritorna lill-attriċi dawn iż-żewġ xogħlijiet antiki tal-lewlu;

Talbet l-istess attriċi għaliex din il-Qorti m'għandhiex: –

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirritorna fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jirritorna ż-żewġ xogħlijiet antiki tal-lewlu fuq imsemmija u fin-nuqqas;

2. Tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attriċi minħabba n-nuqqas tal-konvenut u

3. Tikundanna lill-istess konvenut iħallasha l-ammont hekk illikwidat;

Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi hu ma assuma l-ebda responsabbilità u li huwa ried jagħmel pjaċir lill-attriċi, iżda altru pjaċir u altru responsabbilità; li hu m'għandux jinżamm responsabbli jekk l-oġġett in kwistjoni nsteraq mill-ħanut tiegħu kif ġieli jinsterqu affarijiet tiegħu u li l-attriċi lanqas biss qaltlu li fil-borża tal-karti kien hemm oġġett ta' valur;

*Omissis;*

Il-fatti tal-kawża huma sempliċi u inkontestati:

1. L-attriċi kellha żewġ *doilies* antiki tad-drapp b'disinji ta' lewlu fin li xtaqet li tagħmel fi gwarniċ;

2. Bint il-konvenut, Anna, kienet impjegata ma' ditta li tagħmel ix-xogħol tal-*frames* u billi l-attriċi kienet midħla tal-familja sar diskors li, appena jkunu disponibbli *frames* tondi jsir ix-xogħol. L-attriċi kellha tikkonsenja id-*doilies* għal dan il-fini:

3. Minflok ħadet id-*doilies* għand Anna fil-ħanut fejn kienet taħdem il-Belt, hi kkonsenjathom lill-missierha, il-konvenut, li kellu ħanut tal-merċa – *grocer* – ma' ġenb il-ħanut tagħha. Kienu mgeżwrin ġo borża tal-karti. Il-konvenut ħadhom, poġġihom fuq xkaffa fil-ħanut u dawna intilfu jew għal xi raġuni oħra ma nstabux;

4. L-attriċi qed tirreklama li jiġu rritornati jew imħallsa l-valur tagħhom;

Egħluq kważi għaxar snin minn mindu ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni, il-kawża mmaturat għas-sentenza. Xehdu biss il-kontendenti, Anna Attard, bint il-konvenut u Moses Sammut l-aħħar minn serje ta' esperti nominat biex **verbalment** jixhdu dwar il-valur ta' l-oġġetti lit-telf tagħhom ipprovoka din l-azzjoni;

Il-konvenut qed jeċċepixxi li hu (a) ma assuma l-ebda responsabbilità; (b) ried biss jagħmel pjaċir lill-attriċi; (ċ) ma għandux jinżamm responsabbli **jekk** insterqu mill-ħanut tiegħu kif ġieli, insterqu affarijiet oħra; u (d) l-attriċi lanqas qaltlu li fil-borża tal-karti kien hemm oġġetti ta' valur. Eċċezzjonijiet li fid-dawl tal-fatti kif ippruvati huma kollha insostenibbli;

Il-konvenut jammetti dawn il-fatti kruċjali għall-kawża:

I. Li l-attriċi kkonsenjatlu d-*doilies* li kienu imgeżwrin f'borża tal-karti;

ii. Li hu aċċettahom u "jiena meta tagħthomli qbathom u poġġejthom fil-ħanut fejn kont qed inservi lin-nies";

iii. L-istruzzjonijiet ta' l-attriċi kienu "Dawn tihom

lit-tifla'';

iv. Il-konvenut jikkontendi li l-attriċi ma qaltlu xejn dwar il-kontenut tal-borża u li kien fiha xi oġġetti ta' valur. L-attriċi ssostni l-kuntrarju. Il-konvenut però jammetti li l-attriċi qaltlu ''titlifhomlix!'';

*Omissis;*

Il-figura ġuridika li tippreżenta ruħha fil-kwadru ta' dawn il-fatti hi dik tal-kuntratt tad-depositu volontarju (artikolu 1896 tal-Kap. 16), regolat bil-provvedimenti tat-Titolu XIX tal-Kodiċi Ċivili. Id-depositu hu kuntratt li bih persuna (il-konvenut) tirċievi oġġett proprjetà ta' persuna oħra (l-attriċi) soġġett għall-obbligazzjoni li jippreservaha jew li jirrestitwiha kif inhi (artikolu 1891). Id-depositu hu proprjament kuntratt gratuwitu (kif kien fil-każ preżenti) salv ftehim kuntrarju (artikolu 1824). L-oġġett tad-depositu jrid ikun oġġett mobbli (id-*doilies*), artikolu 1892(2), u d-depositu jiġi esegwit biss bil-kunsenja ta' l-oġġett lid-depositarju (artikolu 1893(1) ) fatt dan ammess mill-istess konvenut;

Id-depostarju għandu l-obbligu juża l-istess diliġenza fil-kustodja ta' l-oġġett f'idejh depositat daqs li kieku kien qed jikkustodixxi ħwejġu stess (artikolu 1891). Billi jirriżulta li dan id-depositu kien wieħed gratuwitu u mhux kontra xi pagament jew rigal jew kumpens ieħor, ir-responsabbilità tal-konvenut kienet limitata għal dik li jieħu kura ta' l-oġġett fdat f'idejh bħala ''*bonus pater familias*'' u għandu jiġi ritenut responsabbli biss f'każ li jirriżulta li naqas li juża l-prudenza, diliġenza u attenzjoni sa dan il-grad. Ma hux għalhekk responsabbli għal kull culpa anke dik levissima kif kontemplat fl-artikolu 1900 tal-Kap. 16;

Hekk ukoll hi l-ġurisprudenza f'dan ir-rigward:

"Huwa provvdut fil-liġi li min jirċievi d-depositu għandu juża l-istess diliġenza fuq il-ħaġa depositata qisha kienet tiegħu, jiġifieri juża d-diliġenza li jirriżerva għall-ħwejjeġ tiegħu ... Għaldaqstant l-attur *nomine* bħala depositarju kellu juża d-diliġenza ta' *'buon padre di famiglia'* ". (Pietro Contini *vs* Giorgio Zammit (Vol. XXIX, P. I, pp. 1422) ).

"Id-depositarju huwa obbligat juża, fil-kustodja ta' l-oġġetti depositati għandu, l-istess diliġenza li huwa juża fil-kustodja ta' ħwejġu u huwa obbligat irodd dawk l-oġġetti biss lil min ikun iddepositahom għandu jew lill-persuna illi f'isimha jkun sar id-depositu jew lil min ikun inkarigat biex jirċevihom;

Id-depositarju li jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew ħsara li dan in-nuqqas iġib lis-sid tal-ħaġa depositata jew lil min ikun iddepositaha". (Vol. XXIX, P. I, pp. 1224);

Il-konvenut **jammetti** li tilef l-oġġetti li **aċċetta** indepositu. Jallega li setgħu nsterqulu mill-ħanut imma dwar dan ma ġieb l-ebda prova. *Quod gratis asseritur, gratis negatur.* Żgur jirriżulta mill-fatti ppruvati illi l-konvenut ma ħax il-kura debita ta' l-oġġetti fdati f'idejh; ma ħax ħsieb li jpoġġih f'post żgur w inaċċessibbli għal min jidħol fil-ħanut tiegħu ta' *grocer* **appena ġie fdat f'idejh.** Avolja l-attriċi insistiet li kellu jieħu ħsieb il-borża bl-oġġetti fiha u enfasizzatlu "Titlifhomlhiex!" Anke jekk il-konvenut ma kienx konxju sewwa tal-valur ta' l-oġġetti fil-borża, hu kellu biżżejjed pre-avviż biex messu jirrealizza li ma kellux iħalliha fil-qabda tan-nies fejn setgħet faċilment tintilef, tittieħed jew anke tinsteraq. Kieku kienu ħwejġu, hu preżunt

li l-konvenut ma kienx ser jaġixxi b'tant leġġerezza. Il-fatt li l-konvenut ried biss jagħmel pjaċir lill-attriċi huwa rrilevanti għall-kawża, anke tenut kont ta' l-element tal-gratuwita tal-kuntratt tad-depositu volontarju kif fuq indikat. La aċċetta li jagħmel dan il-pjaċir, il-liġi tgħabbi lill-konvenut bil-piż li kellu jaġixxi b'mod responsabbli daqs li kieku kien qed jindokra ħwejġu. L-aġir tiegħu f'dan ir-rigward jirriżulta mankanti u hu għalhekk li l-eċċezzjonijiet tiegħu qed jiġu kollha respinti;

*Omissis;*

Il-qorti ma tarax għax ma għandhiex taċċetta l-verżjoni ta' l-attriċi dwar l-antikità tad-*doilies* – kienu wirt tal-familja tagħha, xogħol li spiss wieħed isib għand familji aġjati tal-mezzu ċetu fl-aħħar tas-seklu l-ieħor. Taċċetta wkoll il-kwalità fina tal-lavur. Tifhem però li kien ukoll ftit danneġġjat imma mhux sal-punt li ma kienx sewwa ppreservat biżżejjed biex jitqiegħed fi gwarniċ. Jibqa' però xogħol sabiħ ta' l-artiġġjanat mhux neċessarjament xogħol ta' arti oriġinali. Il-Qorti għalhekk qed tiddetermina l-valur ta' kull *doilie – ibbażat fuq dak li indika l-espert bħala kriterju – fl-ammont ta' ħamsin lira maltija (Lm50) u dana arbitrio boni viri;*

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti u billi jirriżulta illi l-oġġetti mertu tad-depostu huma llum irriperabbli u mhux possibbli għall-konvenut li jirrestitwihom lill-attriċi, qed tillikwida l-valur ta' l-istess oġġetti, in linea ta' danni kif mitlub fit-tieni talba, fis-somma komplessiva ta' mitt lira maltija (Lm100) – u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi din is-somma li qed tiġi hekk illikwidata;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut u bl-imgħax dekorribbli millum sad-data ta' l-effettiv pagament.